# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 04-10

**Data:** 29 ta' April 2010

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Roderick Mizzi - Kunsillier

**Minuti** :

**<u>1. Approvazzjoni tal-Minuti.</u>**

Il-Minuti tas-seduta nru; 3 kienu approvati unanimanet fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Roderick Mizzi. Dan sar wara li gew ikkoreguti biex jirriflettu kumment tal-Kunsilliera is-Sinjura Speranza Chricop dwar artiklu 2.1 fejn ghandu jigi ccarat li setgha kien il-kaz li r-residenti kienu qed jaghmlu referenza ghat-trab li jingabar mal-bankina ta' Triq Missjoni Taljana.

**<u>2. Mill-Minuti:-</u>**

2.1 Dwar il-kors tat-Taljan, il-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana qalet li ghalkemm dan il-kors inbeda, ma kienx hemm l-attendenza li konna qeghdin nistennew. Minkejja dan, il-Kunsill huwa sodisfatt li dawk li qeghdin jattendu dan il-kors sejrin tajjeb hafna.

2.2 Dwar it-tindifa fl-area ta' fuq tal-iskola, Is-Sindku ppropona li din ghandha ssir il-Hamis u l-Gimgha 20 u 21 ta' Mejju.

2.3 B'referenza ghall-ittra mibghuta mis-segretarju tal-Kazin Circolo San Guseppe, Socjeta Filarmonika Sagra Familja dwar proposta ghall-hruq tan-nar ghall-festa, l-Kunsill ircieva korrispondenza minghand Heritage Malta fejn dawn qeghdin joggezzjonaw ghall-isparar minn Bighi Rocks.

Ittra ohra indirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-avukat tal-Kalkara Boatyard tittratta wkoll oggezzjoni ghal sparar mill-inhawi ta' Bighi. Ghal dan il-ghan is-Sindku qal li se jsejjah laqgha ma l-ufficjali taz-zewg kazini u l-Kappillan sabiex tigi diskussa din il-materja.

2.4 L-Ghaqda Muzikali San Guzepp qieghdin jitolbu laqgha mas-Sindku minhabba kwistjoni li ghandhom dwar l-armar tal-pjancier tal-festa. L-Ghaqda qieghda tipproponi li jintrama l-pjancier fl-area miftuha fejn il-bandli. Fil-waqt li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li jintrama l-pjancier fl-inhawi msemmija, dan m'ghandux isir kemm il-darba jkun jehtieg li jitqacctu xi sigar.

2.5 Skema dwar l-Accessibilta' fl-iskola Primarja – Ghalkemm il-Kunsill Lokali applika ghal din l-skema mad-Dipartiment ghal-Gvern Lokali, ghad m'ghandniex risposta jekk din l-applikazzjoni gietx accettata jew le.

2.6 Migja tal-Papa – Is-Sindku semma li x-xogholijiet li saru taw ir-rizultati mixtieqa u kollox mar tajjeb. Huwa semma wkoll li gie ordnat id-DVD minghand in-NET TV dwar il-filmat li ngibed gewwa l-Kalkara. Il-Kunsill ser johrog sejha lir-residenti sabiex min ghandu xi ritratti jew filmati relatati mal-migja tal-Papa jghaddi kopja lill-Kunsill. Wara l-ittra ta' ringrazzjament li ntbaghtet mis-Sindku lis-Sur Charles Bonello bhala chairman tal-kumitat organizzattiv, il-Kunsill ircieva ittra ta' ringrazzjament minghand l-istess chairman ghas-sehem li tajna fil-Migja tal-Papa.

2.7 Gnien is-Salvatur - Ix-xoghol li sar fid-dahla tal-Kalkara kien apprezzat minn kulhadd, b'mod specjali l-funtana li regghet twahhlet mill-gdid u qeghda terga tiffunzjona minkejja li ghad baqa xi xogholijiet zghar xi jsiru sabiex ma tibqax titlef ilma. Il-mappa ta' Malta bir-Regjni hija lesta u u fuqha wiehed se jsib spjegazzjoni tal-lokalitajiet u r-regjuni ta' Malta u Ghawdex. Din il-Mappa inhadmet minn AF Sign Studio u se tiswa 175 Ewro.

Il-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana fahhret dan il-progett u pproponiet sabiex il-lines li jaqsmu l-lokalitajiet tal-mappa ghandhom ikunu irqaq. Sabiex tonqos il-possibilita tas-serq u vandalizmu ghandha tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal-security cameras fl-inhawi msemmija.

2.8 Triq Gdida fi triq il-Konvoj Santa Marija hdejn Smart City- is-Sindku qal li issa li l-migja tal-Papa ghaddiet, se jsir sforz ma l-Awtoritajiet sabiex jinghata t-tarmak tant mistenni ta' din it-triq. Is-Sindku ghamel referenza ghal rapport li deher fil-gurnal "Illum" u qal li ma jaqbilx ma partijiet mir-rapport specjlament fejn saret referenza ghat-triq fi Smartcity.

2.9 Tarmak fi' Triq Marina- Is-Sindku qal li l-ispiza ta' din it-triq telghet ghal €31,540 li €20,000 minnhom ser jithallsu mill-Gvern bhala parti mill-iskema ghall-attivitajiet Lokali fuq skala nazzjonali u l-kumpament se johroghom il-Kunsill. Dan ghandu jsir wara li jinhareg ic-certifikat tal-perit tal-Kunsill.

Il-Kunsill applika ghall-iskema tal-Public Private Partnership ghall-ghoti tat-toroq bit-tarmak u applika wkoll ghall-iskema tal-Lokalitajiet Sostenibbli, sal-lum ghad ma kien hemm l-ebda risposta.

## 3. **Korrispondenza**

3.1 Librerija Pubblika – Il-Kunsill Lokali ircieva proposta mid-Dipartiment ghall-Libreriji u l-Arkivji sabiex il-Librerija Pubblika li qeghda titmexxa mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara tkun kompjuterizzata. Is-Sindku ta' spjegazzjoni tal-hidma li saret fil-Librerija fejn tnehhew hafna kotba antiki, tlesta x-xoghol kollu tal-barcodes, u anke sar xkaffar gdid. Huwa nforma wkoll li l-Kunsill inghata ghotja ta' 466 ewro mill-iskema ghall-libreriji mill-Gvern Centrali. Nofs l-ammont inghataw f'vouchers li jridu jmorru ghal xiri ta' kotba minn pubblikaturi Maltin.

Ghas-sistema online hemm spiza inizzjali ta 1229 ewro, li meta tiehu in konsiderazzjoni l-ammont li l-Kunsill qieghed jonfoq ghal-librar sabiex din il-librerija tkun tista tinfetah 22 siegha fil-gimgha, kif ukoll l-ammont ta` flus li l-Kunsill qieghed ihallas ghall-premises tal-librerija, dan huwa piz iehor li l-Kunsill se jkollu jgorr. Is-Sindku ppropona li din is-somma ghandha tithallas fi zmien sentejn mill-iffirmar tal-ftehim mal-Librerija Nazzjonali. Din il-proposta giet accettata mid-Dipartiment ghall-Libreriji u l-Arkivji. Il-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana staqsiet meta se jinxtraw il-kotba ghall-kors tal-Ingliz ghall-adulti. Is-Sindku talab sabiex l-ghalliem jghaddielna l-lista bl-ismijiet tal-kotba li jridu jinxtraw.

3.2 Devoluzzjoni – Is-Sindku semma li l-applikazzjoni tac-Cimiterju ta' Wied Ghammieq tinsab quddiem id-divizjoni tas-Sahha. Dwar id-devoluzzjoni tal-art ta' fejn l-iskola, id-direttur tal-Edukazzjoni Micheline Sciberras qieghda titlob laqgha biex jigu pprezentati l-pjanti proposti ghac-Centru Civiku biex b'hekk ikun jista jitkompla l-process. Din il-laqgha se ssir fix-xahar ta' Mejju.

## 4. **Sejha ghall-offerti ghad-dwal fl-isqaqien**

L-offerta ghal dan ix-xoghol se tohrog b'mod immedjat u se tghalaq it-Tnejn 17 ta' Mejju 2010 f'nofsinhar. L-avviz se jidher fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-Malta Independent ta' nhar ta' Erbgha, kif huwa mitlub li jsir bil-ligi.

## 5. **Gemellagg**

Fl-ahhar ta' Marzu giet Malta delegazzjoni minn Crespellano maghmula minn zewg Kunsillieri u ghalliema. Din id-delegazzjoni ltaqghet mal-Kunsill Lokali fejn gew stabbiliti kuntatti ghal relazzjoni ahjar bejn iz-zewg skejjel primarji, kif ukoll sar kuntatt mas-Sur Ronald Galea direttur ta' Dar il-Wens fejn gew diskussi d-dettalji dwar iz-zjara li residenti minn din id-dar se jkunu qed jaghmlu matul ix-xahar ta' Mejju.

Gew stabbiliti wkoll d-dati ghal zjara minn studenti minn Crespellano ghall-istudju tal-Ingliz. Din iz-zjara hija mistennija bejn l-14 u t-28 t'Awwissu. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana sabiex taghmel kuntatt ma' l-ghalliem ta' l-ingliz dwar id-dati msemmija.

## 6. Attivitajiet

Is-Sindku is-Sur Michael Cohen ippropona li ghandha ssir attivita f'Misrah Arcisqof Gonzi b'risq Puttinu Cares nhar il-31 ta' Lulju u l-1 t'Awwissu 2010. Waqt din l-attivita' se jkun hemm varjeta shiha bis-sehem ta' talenti lokali u bl-involviment ta' ikel msajjar mill-ITS. Il-ko-ordinatur ghal din l-attivita se jkun is-Sur Lawrence Zammit. Is-Sindku qal li kulhadd ghandu jaghti s-sehem tieghu ghal din l-attivita u ppropona sabiex il-Kunsilliera is-Sinjura Speranza Chircop tiehu hsieb tigbor id-dilettanti tal-crafts, pitturi u delizzji ohrajn, biex jaghmlu esebizzjoni tax-xoghol taghhom. Il-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana se tiehu hsieb loghob ghat-tfal u t-tberik tal-annimali.

Il-Hadd fl-1 t'Awwissu ghandha issir il-Car Show fit-telgha ta' Bighi u ssir xi attivita mill-Klabb tar-regatta liema attivitajiet se jiehu hsiebhom il-Vici Sindku is-Sur Norbert Grech.

Il-Kunsillier is-Sur Roderick Mizzi se jiehu hsieb jigbor numru ta' zghazagh li ghandhom it-talent taz-zfin (breakdance) u se jiehu hsieb ukoll li ssir promozzjoni tal-librerija pubblika. Gie deciz ukoll li l-hwienet tal-lokal ikunu inkoraggiti johorgu l-imwejjed quddiem il-kazini/hwienet taghhom u fl-ahhar jaghtu donazzjoni ghall-Puttinu. Ser isir sforz sabiex ikun hemm animazzjoni tad-dghajsa tal-armirall.

## 7. Xogholijiet

Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li wara li tlesta x-xoghol kollu relatat mal-migja tal-Papa, se jibda xoghol fi Pjazza Sagra Familja u fuq il-Bus shelter ta' fejn il-housing estate ta' Rnella. Dan se jkun qieghed isir minn haddiema tal-ETC. Ghandu jsir kuntatt mas-Segretarju tal-kazin Circolo San Guzeppe sabiex ikun hemm ko-rdinament halli jithaffef ix-xoghol li qed isir fil-pjazza.

Il-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana ressqet l-ilment li triq ix-Xatt, fit-triq ta' fejn il-bahar qed ikun hemm hafna hmieg tal-klieb. Is-Sindku qal li din hija bicca ugieh ta' ras u ghalhekk ghandha tittiehed azzjoni u jizdiedu l-bins fejn ikun jista jingabar il-hmieg tal-klieb.

## 8. Nfieq

Giet approvata l-lista ta' nfieq bin-numru 03-04/2010

## 9. Aggornament

**9.1** Il-Kunsilliera s-Sinjura Speranza Chircop ghaddiet dawn il-punti:

9.1a Is-Sotto Kumitat ghall-anzjani u l-familja f'isem il-Kunsill Lokali, fl-okazjoni ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier ser izuru id-djar ta' l-anzjani, l-isptarijiet u d-djar ta' dawk rikoverati u jinghataw rigal ghall-okkazjoni, gentilment moghti mill-Kunsill Lokali.

9.1b Harga Kulturali ghal Jum il-Missier fix-xhar ta' Gunju
9.1c Harga ghal Ghawdex ghall-Anzjani u l-Familja fix-xhar ta' Gunju.

9.1d Il-kors tal-Hansa thassar.

**9.2** Il-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana ghaddiet dawn il-punti:

9.2a Ghandu jsir sforz biex jitompla x-xoghol fuq il-latrina pubblika tax-Xatt.
9.2b Qed jigi propost First Aid kors ghall-ghalliema tal-iskola, bejn it-28 ta' Gunju u 2 ta' Lulju.
9.2c Jitranga r-Railing fid-dahla ta' fuq tal-Iskola li jinsab maqlugh.
9.2d Issir wirja tat-tberik tal-annimali.
9.2e Isiru l-ahhar arrangamenti sabiex jinxtraw ammont tokens bl-arma tal-Kunsill.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv

**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

# AGENDA

Seduta nru 5/10

Ser issir seduta tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2010 fil-17.30 ta' filghaxija fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali b'din l-Agenda.

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tender ghad-dwal fl-isqaqien
5. Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji wara l-Awditjar
6. Approvazzjoni at' xogholijiet u nfieq
7. Aggornament

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv

Il-Pubbliku huwa mistieden jattendi